MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1040/2005

Francis u Helen konjugi Cachia
vs
Karl Bonnici u kif ukoll Saviour u Pauline konjugi Bonnici

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attura biha ppremettew:

Illi l-konvenuti kienu debituri versu l-atturi fis-somma bilancjali ta’ (Lm12,750) tnax-il elf u seba’ mija u hamsin lira Maltin rapprezentanti ammont misluf brevi manu lill-istess konvenuti solidalment bejniethom.

Illi minkejja li kienu gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu lill-konvenuti kienu baqghu inadempjenti.

Illli dan l-ammont kien cert, likwidu u dovut u ghalhekk kien applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici ta’

Organizzazzjoni u Procedura Civili, u li fl-opinjoni tal-atturi l-konvenuti ma kellhomx eccezzjonijiet validi skond il-ligi x'jaghtu, u oltre l-fatt illi l-atturi kienu ddikjaraw li jafu huma nfushom bil-fatti kif fuq dikjarati.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tghaddi biex tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu s-somma ta (Lm12,750) tnax-il elf u seba' mija u hamsin lira Maltin kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datati 12 ta' April 2005 u tat-13 ta' Settembru 2005 u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-self relattiv, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2005 il-Qorti tat il-fakulta` lill-konvenuti Saviour u Pauline konjugi Bonnici biex jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Saviour u Pauline Bonnici li eccepew:

1. Illi t-talba attrici kif diretta fil-konfront taghhom kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-konvenuti qatt ma kienu ssellfu xi flus minghand l-atturi u ma kellhom x'jaghtu xejn lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti Saviour u Pauline Bonnici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2005 Dr. Carlo Bisazza ghall-atturi pprezenta nota ta' riduzzjoni li biha rriduca t-talba attrici ghall-ammont ta' LM12700.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2005, Dr. Robert Abela ghall-konvenut Karl Bonnici pprezenta nota ta' ammissjoni ghat-talba kif ridotta ghall-istess konvenut Karl Bonnici.

Xehdet Helen Cachia li qalet li darba minnhom kien mar ghandha Karl Bonnici flimkien ma' Walter Baldacchino. Lil Karl Bonnici ma kenitx tafu izda kienet taf lil Walter Baldacchino fis-sens li kellu bzonn xi haga tal-flus u kienet tathomlu. Qalet li Karl kellu jiehu elfejn Lira (Lm2,000) minghand Walter Baldacchino. Sena wara Karl Bonnici kellu jaghti lil Walter Baldacchino. Hu kien mar ghandha wahdu. Ziedet tghid li sussegwentement kienet tatu hames mitt lira u hu tahomla lura. Imbaghad kien talabha hames mija (Lm500) ohra u tathomlu wkoll. Kien dejjem ighidilha li ha jaghtihomlha f'salt. Wara sostniet li tatu elfejn lira (Lm2,000), imbaghad tatu elf lira (Lm1,000) ohra. Bejniethom qatt ma kienet issir kitba ghax qalet li kienet tafdah, izda gieli ghamlet xi notamenti hi. Qalet li tatu xi hamest elef (Lm5,000) neqsin xi mitejn (Lm200). Imbaghad kien rega' mar biex jissellef u qaltlu mhux se taghtih aktar flus. Qalet li mbaghad kien beda jibki u hi qaltlu li ma tistax taghtih aktar flus u hu qalilha li kellu l-problema tad-djun. Imbaghad kien taha n-numru ta' missieru izda qalilha biex ma tghidlux li hu kien qieghed hemmhekk. Hi cemplet lil missier Karl Bonnici u dan inhasad ftit u staqsiha ibnu ghandux jaghtiha.

Sussegwentement kienu marru ghand ix-xhud Karl u l-ġenituri tieghu. Sostniet li marret ghand it-tifla ta’ ohtha u gabet hamest elef Lira (Lm5,000) u tathom lil Salvu, missier Karl ghax lil Karl ma ridietx taghtih aktar flus. Ziedet tghid li saret skrittura izda hi kienet qattatha u ftehmu li jaghmlu skrittura ohra. Dak il-hin li tqattghet wahda kellha l-ohra f’idejha.

Xi sena wara omm Karl kienet cemplitilha u kienet qaltilha li tibza’ li jigri xi haga lil binha u ghalhekk ix-xhud selfitu xi hames mitt Lira (Lm500) halli jhallas lil min kellu jaghti. Il-flus tathom lit-tlieta f’daqqa ghax kienet tibza taghti flus lil Karl. Kien qalilha biex ma tinkwitax ghax ser ihallsuha lura u semmew anke xi proprjeta` tas-Sliema. Sostniet li lil Karl tatu xi tliet elef (Lm3,000) ohra izda qabel dejjem kienet iccempel lil missieru li kien jghidilha biex ma thabbilx rasha ghax zgur ser jhallasha. Il-bilanc kien spicca tlettax-il elf (Lm13,000) u l-konvenut kien inaqqas daqqa hamsin (Lm50) u daqqa haga u ohra. Dwar id-dokument a fol 17 qalet li kitbitha hi. Ziedet tghid li kieku l-genituri ma dahlux garanti ma kenitx taghtihom flus. Iffirmawha Saviour u Karl Bonnici. Qalet li l-ammont mitlub fic-citazzjoni jirriferi ghall-iskrittura li semmiet. Sostniet li lil Salvu Bonnici tatu Lm5000 f’idu.

Xehed <u>Saviour Bonnici</u> li qal li xi sena u nofs ilu kien qieghed id-dar u kienet cemplet l-attrici, li sa dak il-mument ma kienx jafha. Ftakar li qaltlu li t-tifel ghandu jaghti l-flus u mar ghandha u kien qieghed jibki u li kien qalilha li sejjer jaqbez. Ix-xhud baqa’ skantat u qalilha li ma kien jaf b’xejn. Hu staqsa kemm kien l-ammont u qaltlu li l-mmont kien ghaxart elef Lira (Lm10,000). Kienu marru r-Rabat u dahlu f’garaxx u l-attrici bdiet tispjegalhom dwar id-dejn ta’ binhom. Ix-xhud baqa’ jinsisti mal-attrici li ma kienu jafu b’xejn. Zied jghid li l-attrici tatu Lm5000 u lista ta’ nies li skondtha ibnu kellu jaghtihom, u qaltlu biex imur ma’ ibnu jhallashom, u hu fil-fatt kien mar mieghu. Sostna li l-attrici tatu Lm4000 u meta gibdilha l-attenzjoni li tatu Lm4000 u mhux Lm5000 qaltlu li dik kienet xi haga bejnha u ibnu. Meta staqsa lil ibnu dan qallu li l-Lm1000 kienu imghax.

Ix-xhud kien qal lill-attrici li hu bil-pensjoni u kieku seta' kien jghinu lil Karl imma ma setax iwieghda li jaghtiha hafna flus. Imbaghad bdew jippruvaw jirrangaw fuq kemm ser jaghtuha flus lura. Qal li lill-attrici ffirmalha karta li skond l-attrici kien fiha miktub li Karl taparsi qed jaghtiha xi haga. Qal li jaf li ffirma imma ma kienx jaf propjament ghal xiex iffirm. L-attrici ma tatux kopja ta' dak li ffirma.

Qal li lill-attrici l-ewwel darba li sar jafha kien bit-telefon u meta cemplitlu l-attrici ma kienx li t-tifel kellu d-djun u dik kienet l-ewwel darba li sema' bihom. Wara li mar ghand l-attrici bdew icemplulu diversi nies ghall-krediti. Zied jghid li l-attrici u hu kienu jcemplu lil xulxin dwar din il-problema. Cahad li kien cemplilha biex jitlobha l-flus, u cahad ukoll li kien jghidilha li ghandu l-propjeta` biex taghmel tajjeb. Meta kien imur, kien imur biex jaghtiha l-flus u qal li hafna drabi kien jitla' mal-mara tieghu u gieli mar wahdu, kien jaghtiha l-flus u jitlaq.

Il-karta li hemm a fol 17 tal-process ma ftakarhiex u qal li hu qatt ma ffirmaha. Qal li hu ffirma karta zghira li anqas kien jaf x'fiha. Ikkonferma li ghandu proprjeta` f'tas-Sliema. Zied jghid li hu l-karta zghira ffirmaha ghal Karl mhux ghalih ghax Karl kellu jaghti. Meta kien accetta li jaghmel hlasijiet kien ihallas affarijiet bhal hamsin Lira (Lm50) biex jghin lit-tifel.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda self ta' flus brevi manu fl-ammont ta' (LM12,750) mislufa lill-istess konvenuti solidalment bejniethom u in segwitu s-somma giet ridotta b'nota ta' riduzzjoni ghal Lm12,700. L-atturi sostnew li l-konvenuti huma debituri ghas-somma enuncjata hawn fuq, u minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti. Illi jirrizulta min-nota ta' ammissjoni tal-konvenut Karl Bonnici li huwa fil-fatt huwa debitur ghas-somma msemmija (a fol 10). Skond l-attrici kienet saret skrittura li in segwitu giet imqatta' u saret skrittura ohra li kopja taghha tinsab a fol 17 tal-process. Bazikament f'din l-iskrittura jinghad li Karl Bonnici ssellef Lm10,000 u bhala xhieda hemm il-genituri tieghu u wara separatament jizdied il-kliem "bhala

garanti". Jissemmew xi kundizzjonijiet, dettalji dwar l-***I.D. Cards*** ta' Salvu u Pauline Bonnici u ta' Helen Cachia, izda firem biss ta' Helem Cachia u Karl Bonnici. Id-dokument mhux awtentikat minn xi avukat, nutar ecc. Fil-fehma tal-Qorti l-kliem "bhala garanti" mhux daqstant simili ghall-bqija tal-kliem l-iehor kemm f'kobor kif ukoll f'angolatura. Anke l-margini tal-kliem fl-ewwel nofs tal-faccata ma giex osservat biss fil-kaz tal-kliem "bhala garanti".

Id-debitur ta' dan id-dejn huwa Karl Bonnici. Salvu Bonnici fix-xhieda tieghu sostna, li huwa mhux veru li kien qal lill-attrici Helen Cachia li kien lest li jidhol garanti ghat-tifel tieghu, u sostna wkoll, li meta kien jaghmel xi hlasijiet ghat-tifel tieghu, kien jaghmel dan biss biex ighinu (a fol 24). Min-naha l-ohra, l-attrici sostniet li Salvu Bonnici dahal bhala garanti ghat-tifel tieghu u dan skond l-iskrittura a fol 17. L-attrici tallega li l-genituri tal-konvenut Karl Bonnici kienu dahlu bhala garanti ghad-dejn ta' binhom. Assunzjoni ta' dejn tista' ssir verbalment, kemm-il darba tkun cara u inekwivoka.

Illi kif gie sostnut fil-kawza **Zammit vs Frendo Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Mejju 1943, gie osservat li l-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, li mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn.

Inoltre skond ma xehdet l-attrici meta hi cemplet lil missier Karl Bonnici dwar il-flus li kien issellef it-tifel, dan inhasad, u dan ifisser li skond l-attrici stess l-ewwel parti Salvu Bonnici anqas biss kien jaf xejn fuqha.

Skond il-ligi l-artikolu 1929 tal-Kap 16 jiddisponi:
"Il-garanzija ma tistax tkun prezunta izda ghandha tkun espressa."

L-artikolu 1233(1)(c) imbaghad izid li l-garanziji huma fost dawk l-atti li ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata "taht piena ta' nullita`."

Izda, fil-kaz odjern, qed jigi allegat li l-konvenuti Salvu Bonnici u martu dahlu bhala garanti. Illi fil-kawza **Xuereb vs Caruana** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-7 ta'

Marzu 1957, intqal li, il-kliem “ahna naghmlu tajjeb ghalih” ma jindikawx assunzjoni ta’ dejn, izda ghoti ta’ garanzija li, pero` hija nulla ghax ma tirrizultax bil-miktub. (Ara wkoll **J&C Pisani Ltd. vs Nicholsons The Supermarket Ltd. et** deciza mill-Prim’Awla Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 2003). L-istess, fil-kaz li qed jigi trattat hawnhekk, ma jirrizultax mill-atti li hawn ebda firma ta’ Salvu Bonnici jew Pauline Bonnici fl-iskrittura esebita a fol 17. Illi l-kliem Salvu Bonnici u Pauline Bonnici flimkien man-numri ta’ l-I.D. Card, jidhru li kienu miktuba minn Helen Cachia, l-attrici nnifisha. Ghaldaqstant, huwa ma jistax jitqies bhala garanti. Izda, jirrizulta minn dan id-dokument, il-firem ta’ Helen Cachia u Karl Bonnici.

E. **KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk jirrizulta li l-konvenuti Salvu u Pauline Bonnici ma ssellfux flus minghand l-atturi u ma ghandhom xejn x’jaghtu lill-atturi. Jekk stess kien hemm l-intenzjoni ta’ xi garanzija minhabba dak li ntqal fuq hemm in-nullita`, u ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ Saviour u Pauline Bonnici u ghalhekk tichad it-talba fil-konfront taghhom.

Izda fuq ammissjoni tal-konvenut Karl Bonnici, tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ tnax-il elf u seba’ mitt Liri Maltin (LM12,700) rapprezentanti l-ammont misluf brevi manu.

Spejjez kontra Karl Bonnici hlief dawk relattivi ghal Saviour u Pauline Bonnici li huma a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------